# Fil-Prim Awla tal-Qorti Civili

# Onorevoli Imhallef Albert J. Magri B.A., LL.D.

Seduta ta' nhar it-Tnejn 1 ta' Ottubru 2001

Citazzjoni numru 3251/96 AJM

Kawza numru

Vassallo Builders Limited

Vs

G.V. Xuereb Limited

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni presentata fil-15 ta' Novembru 1996li permezz taghha s-socjeta' attrici wara li ppremettiet illi hija kreditrici tas-socjeta' konvenuta fis-somma ta' tmient elef erbgha mija u hamsa u tmein lira maltin u sebgha u sittin centezimi (LM8,485.67), rappresentanti valur ta' xogholijiet esegwiti mis-socjeta' attrici in konnessjoni mal-progett "Remdial Works to Silo Bins – Kordin Grain Terminal" ghal-liema xogholijiet is-socjeta' konvenuta, flimkien mas-socjeta' Elbros Construction Limited, kienu l-"main contractors" fil-konfront tal-klient u cioe tas-socjeta' Kordin Grain Terminal Company Limited; illi s-socjeta' konvenuta gia thallset ghas-saldo ghax-xogholijiet kollha esegwiti in konnessjoni mal-progett fuq imsemmi, minghand is-socjeta' Kordin

Grain Terminal Company Limited u dan il-pagament per saldo kien jikkomprendi s-somma ta' LM8,485.67 dovuta lis-socjeta' attrici ghax-xogholijiet ezegwiti minnha kif fuq premess, liema somma qed tigi presenzjalment mitluba minghand is-socjeta' konvenuta permezz ta' din ic-citazzjoni; illi ghalhekk is-somma ta' LM8,485.67 fuq imsemmija tinsab indebitament fil-pussess tas-socjeta' konvenuta u nonostante diversi talbiet da parti tas-socjeta' attrici, is-socjeta' konvenuta rrifjutat li tissomministraha lis-socjeta' attrici u ghalhekk baqghet inadempjenti; talbet li din il-Qorti:-

1. tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' LM8,485.67 bhala bilanc minn ammont akbar, rappresentanti valur ta' xoghol ezegwit mis-socjeta' attrici in konnessjoni mal-progett "Remedial Works at Silo Bins – Kordin Grain Terminal", ghal-liema xogholijiet is-socjeta' konvenuta gja thallset per saldo minghand il-klient Kordin Grain Terminal Company Limited, pero' naqset milli thallas is-somma ta' LM8,485.67 lis-socjeta' attrici.

Bl-ispejjes, inkluzi dawk talMandat ta' Sekwestru ppresentat kontestwalment ma' din ic-citazzjoni, u bl-imghax legali mit-22 ta' Mejju 1995 sal effettiv pagament, kontra s-socjeta' konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni, l-lista tax-xiehda u d-dokument ezebit mill-attur.

Rat in-nota tas-socjeta' konvenuta presentata fl-24 ta' Gunju 1997 li permezz taghha eccepiet:-

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi ghad il-progett gie esegwit il-klient u cioe s-socjeta' Kordin Grain Terminal Company Limited ghadha ma hargitx il-"completion certificate" fil-konfront tax-xoghol li gie ezegwit.
2. Illi stante n-natura difficli, komplikata u delikata tal-progett in kwistjoni is-socjeta' konvenuta, jekk thallas f'dan il-mument, tibqa hi biss esposta ghal kull forma ta' reklam fuq ix-xoghol li hija in effetti ma hadmitx de proprio izda gie mahdum mis-socjeta' attrici li jekk tithallas f'dan li stadju tigi liberata minn kull obbligu li taghmel tajjeb ghal xi eventwali reklam illi jista' jkun hemm minn naha tal-klient u ghalhekk it-talba atriici hija ntempestiva.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xiehda tas-socjeta' konvenuta.

Rat id-digriet taghha tat-12 ta' Novembru 1997 meta l-Qorti ordnat l-allegazzjoni tal-atti tar-rikors numru 3294/96 fejn saret talba mis-socjeta' konvenuta ghar-revoka tal-mandat ta' sekwestru mahrug mis-socjeta' attrici kontra taghha. Fl-istess digriet il-Qorti orndat l-inverzjoni tal-provi.

Rat id-digriet taghha tas-16 ta' Marzu 1998 meta giet mahtura bhala assistent gudizzjarju Dr. Maria Dolores Gauci sabiex tigbor il-provi tal-kontendenti.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti u dokumenti ezebiti.

Rat il-verbal ta' l-udjenza tat-23 ta' Marzu 2001 meta l-kawza thalliet ghas-sentenza ghas-seduta tl-lum bil-fakolta lill-partijiet li jippresentaw noti ta' osservazzjonijiet – liema noti ma sarux.

Ittrattat il-kawza.

Ikkunsidrat:

Fl-4 ta' Mejju 1993 is-socjeta' konvenuta kienet, flimkien mas-socjeta' Elbros, giet moghtija kuntratt ghall-esekuzzjoni ta' xogholijiet fil-Kordin Grain Silo liema progett kien maghruf bhala "Remedial Works to Silo Bins – Kordin Grain Terminal". Dan ix-xoghol kien jikkonsisti f'xoghol rimedjali fuq xoghol gja ezegwit.

Fil-21 ta'Lulju 1993, skond ma jidher mill-kopja ta' kuntratt ezebit bhala Dok A fl-atti tar-rikors fuq imsemmi, is-socjeta' konvenuta wara li ppremettiet li Elbros Construction Limited kienet irrinunzjat ghal-sehmha mill-kuntratt favur l-istess socjeta' konvenuta, assenjat lis-socjeta' N.O.V.I.T.A. ix-xogholijiet hemm imsemmija. Dawn ix-xogholijiet kienu jifformaw parti mil-kuntratt moghti originarjament lil Elbros u G.V. Xuereb Ltd.

Skond il-klawsola M tal-kuntratt imsemmi in-N.O.V.I.T.A. hatret lill-Vassallo Builders u Polidano Brothers Ltd. bhala 'sub-contractors' taghha biex jezegwixxu dan ix-xoghol u li konsegwentement kienu intitolati direttament ghall-hlas.

Ix-xogholijiet assenjati lis-socjeta' attrici gew kollha esegwiti u anke jidher li s-socjeta' konvenuta thallset l-ammont kollu miftiehm u dovut skond il-kuntratt ta' l-appalt originali. Matul l-esekuzzjoni tax-xogholijiet is-socjeta' attrici kienet tithallas reglarment mis-socjeta' konvenuta dak li

kien dovut lilha. Dan wara li x-xoghol jigi spezzjonat mill-konsulent ta' Kordin Grain Terminal Co. Limited.

Meta gie finalizzat ix-xoghol kollu is-socjeta' appaltanti iddikjarat li x-xoghol kien sar a piena sodisfazzjon taghha u anke awtorizzat ir-rilaxx tal-garanzija bankarija mahruga mis-socjeta' konvenuta in konnessjoni mal-istess xogholijiet. B'dana kollu il-bilanc fuq imsemmi dovut lis-socjeta' attrici, liema debitu jinsab rikonoxxut anke f'korrispondenza, ma giex imhallas mis-socjeta' konvenuta u dana principalment billi l-istess socjeta' bezghet li jekk dan il-pagament isir is-socjeta' konvenuta tibqa' skoperta mas-socjeta' appaltanti fir-rigward ta' kull ilment li jista' jsir fil-futur. Is-socjeta' konvenuta ghalhekk qed isostni li t-talba hija intempestiva inkwantu ghadu ma haritc "completion certificate" mis-socjeta' appaltanti u inoltre s-socjeta' attrici naqset li tirregistra ipoteka favur taghha ghall-kull eventwalita' li jista' jinqala mill-kuntratt in kwistjoni.

**Completion certificate.**

Is-socjeta' konvenuta tghid li fost ir-ragunijiet li hija ma hallsitx lill-attur kien peress li ma inharitc "completion certificate" skond ma jirrikjedu r-regolamenti internazzjonali u l-prattika. Issa jigi rilevat li s-socjeta' appaltanti iddikjarat bla tlaqliq li hija kienet sodisfatta bix-xoghol ezegwit kif iddikjara ripetutament l-konsulent tas-socjeta' appaltanti l-Perit Joseph Saliba, f'ittra tat-18 ta' Jannar 1996 lid-Director of Contracts u f'ittra ohra tat-28 ta' Marzu 1996 lill-istess socjeta' konvenuta. Inoltre l-istess chairman tas-socjeta' appaltanti iddikjara hekk "Rigward il-Kordin Grain Terminal il-kuntratt huwa maghluq u ahna ma ghandna l-ebda pretensjonijiet fil-konfront tal-kuntratturi". Barra minn hekk, kif gie rilevat aktar il-fuq, il-garazija bankarja giet ukoll rilaxxata. Ghalhekk

din il-Qorti ma tarax l-insistenza tas-socjeta' konvenuta ghal dan ic-certifikat izjed u izjed meta, kif jirrizulta mix-xhieda, dan ic-certifkat lanqas biss ma kien kontemplat fil-kuntratt ta' appalt.

**Garanzija Ipotekarja.**

Is-socjeta' konvenuta ukoll qalet li gia la darba is-socjeta' attrici kienet hadet il-kuntratt "back to back" kien mistenni mis-socjeta' attrici li tirregistra garanzija ipotekarja fl-ammont li l-istess socjeta' attrici ippartecipat fil-kuntratt ta' appalt.

Dwar dan jidher li ma kienx hemm oggezzjoni da parti tas-socjeta' attrici. Infatti l-konsulent legali taghha kien anke pprepara draft tal-kuntratt biex jigi pubblikat izda, skond Nazzareno Vassallo tas-socjeta' attrici, George Xuereb naqas li jattendi dakinhar meta kellu jigi pubblikat.

Illi fic-cirkostanzi din il-Qorti ma tara ebda raguni ilghala s-socjeta' konvenuta qed izzom milli thallas l-ammont realment dovut li wara kollox gja thallas lilha. Jekk imbaghad fil-futur jirrizulta xi difett dan il-pagament bl-ebda mod ma jista' jigi interpretat li s-socjeta' konvenuta irrinunzjat ghad-drittijiet taghha kontra minn effettivament ghamel ix-xogholijiet, bl-istess mod kif kull pagament maghmul mis-socjeta' appaltanti u kull dikjarazzjoni tahha dwar xoghol sodisfacjenti, ma jista' jnaqqas xi drittijiet tal-istess socjeta'.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-Qorti filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta tilqa' t-talba attrici u konsegwentement tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta'

tmient elef erbgha mija hamsa u tmenin lira maltin sebgha u sittin centezimu (LM8,485.67) bl-imghax legali kif mitlub u bl-ispejjes tal-kawza.

Onor Imhallef Albert J. Magri